TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 348/10

**Carmel Caruana**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 5 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tmienja u erbgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€1,048.21), rappreżentanti prezz ta' saqqu.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara saqqu mingħand id-ditta intimata li kien adattat għalih u għall-mara tiegħu. Illi huwa qagħad fuq il-parir tal-intimat sabiex jixtri s-saqqu u wara sentejn beda jbagħti b'ħafna uġigħ f'ġismu għaliex huwa kellu bżonn saqqu *semi orthopeadic* iżda dak li xtara kien *fully orthopeadic*.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi huma qatt ma jidħlu f'dettalji ta' saħħet il-klijent waqt il-bejgħ u li s-saqqu li kien mibjugħ lir-rikorrenti kien *semi orthopeadic* u mhux *fully orthopeadic*.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota illi s-saqqu jista' jkun li ma qabilx mar-rikorrenti iżda kien tajjeb u li r-rikorrenti ikkomplejna fuq is-saqqu wara sentejn illi kien ilu jużah.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888